MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 133/2011

**Nikki Dimech**

**vs**

**Oliver Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-attur nhar id-19 ta' April 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest elef, tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centesmu (€5,083.68) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu lilu dovuta ghal varji servizzi, principalment servizzi ta' *accountancy*, lilu rezi, bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 400/2011 u tal-ittra ufficjali numru 384/2011 prezentata kontra tieghu bil-procedura kontemplata mill-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata fil-15 ta' Gunju 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. "*Illi l-pretensjonijiet attrici hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*
2. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost huwa l-attur li ghandu jipprova l-kaz tieghu (qui allegat probat) u l-ammont li huwa qed isemmi.*
3. *Illi, fi kwlaunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti reklamati mill-attur huma ezorbitanti.*
4. *Illi dwar l-imghax imsemmi fir-rikors promotorju dan ghandu jiddekorri biss mill-mument li tressaq dan l-att gudizzjajru u dana biss f'kaz ta' success tal-azzjoni attrici; (Ara sentenza Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-1 ta' Marzu 2004 per Onor. Imhallef Dr. J R Micallef Fl-ismijiet '**Richard Azzopardi et vs Isabel Cassar et'**)*
5. *Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Rat illi nhar is-17 ta' Novembru 2011 l-attur **Nikki Dimech** ipprezenta l-affidavit tieghu. Spjega li huwa jiggestixxi d-ditta C & N Accounting Services u minn naha tieghu kien kelmu Oliver Zammit sabiex jaghmillu xoghol ta' konsultazzjoni bhala *accountant, credit control, book keeping, payroll, Vat returns* u *Tax returns*. Huwa kellu partnership ma' Conrad Vella liema ditta hija maghrufa bhala C & N Accounting Services u spjega li kienet ditta biex taghmel servizzi ta' *book keeping, VAT returns,* u *Tax Returns ta' Self Occupied, etc.*

Huwa stqarr li l-konvenut kien cempillu biex ikun l-*accountant* tieghu. Ikkonferma li huwa Chartered Accountant kif ukoll Awditur registrat. Il-konvenut qallu li xtaq persuna zghira kwalifikata u specjalment ghandha ditta ta' accounting services *full time* mhux bhal ma' kien l-*accountant* ta' qablu. Ix-xhud spjega li qatt ma kien iltaqa' mal-*accountant* ta' qablu u ghalhekk ma hax *handover* adegwata.

Huwa kkonferma li kien il-bank manager tal-konvenut li rrakomandah mieghu meta l-konvenut kien mar jitlob *bank*

*loan* ghaliex kien beda jmur lura bil-hlas lis-suppliers tieghu, lill-VAT department, it-taxxa tieghu personali u l-FSS u ghalhekk kellu jibnilu file gdid. F'kazijiet bhal dan jista' jkun hemm invoices mhux imhalsa lill-ex-accountant tieghu u ghalhekk dan ma jkunx irid joffri aktar hin sabiex jaghti *handover*. Fil-fatt jghid li hekk kien gara f'dan il-kaz.

Ikkonferma li ghall-ewwel sentejn ghall-habta tas-sena 2004 il-konvenut dejjem mexa' kif qallu hu u dan fir-rigward tal-problemi finanzjarji li kellu fil-hanut confectionery / mini market imsejjah '*Sweety Corner'*. Qal li darba minnhom il-konvenut importa minn barra *container* shih bil-bajd ta' l-Ghid u spicca ma' biegh xejn minnu, dan skada u bhala rizultat tilef il-flus li kien investa. Ikkonferma li skond sentenza tal-Qorti l-konvenut kellu jaghti s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) lill-partner tieghu. Ghall-ewwel il-konvenut cahad li kellu jaghti xi flus lil siehbu u fil-fatt kien jghidlu li siehbu pprova jisirqu u dan minkejja li kien gie kanonizzat ihallas din is-somma b'sentenza tal-Qorti. Ikkonferma li fil-bidu l-konvenut qatt ma' qallu li kellu dawn il-problemi kollha u minn dejjem kien jghidlu 'zomm ic-cheque book' f'idejk halli thallas u tmexxi int.  Izda l-attur ma riedx jaghmel hekk ghax dak mhux xoghlu; xoghlu hu li jaghti parir professjonali fic-cirkostanzi necessarji apparti li ghandu numru ta' klijenti ohra x'jiehu hsieb. Huwa qal li wara t-tieni sena l-konvenut kien sitt pagamenti lura mieghu u dan wara li hariglu kont mensilment ta' madwar Lm75 oltre l-VAT ghas-servizzi kollha. Aktar ma' bdew jghaddu x-xhur il-kont beda jikber u l-konvenut kien jghidlu sabiex jiehu pacenzja u jistenna ghax la darba tiftah l-iskola ta' Pembroke quddiem il-hanut tieghu kif ukoll johrog il-*bank loan* kien jaqbad u jaqta' l-ammont dovut lilu li kien tela' sewwa.

Kull darba kien jghidlu xi storja u kien jaghtih aktar cans biex ihallsu u l-kont baqa' jizdied tant li sahansitra l-konvenut ried jiffirma kambjali mal-attur u l-attur kien jafdah pero' kien qed ihossu urtat ghaliex pagament ma kienx qed jaghmel. Is-suppliers tieghu kienu rrabjati mieghu ghaliex ma kienx qed izomm mal-iskeda ta' pagamenti li kien ghamillu l-attur mas-suppliers tieghu.

Ikkonferma li huwa kreditur tieghu fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Qal li huwa kien mar jixtri l-*christmas hampers* tieghu minn ghandu sabiex inaqqas mill-kont li kellu jiehu. In oltre qal ukoll li kien ghamel xi xirjiet zghar ghad-dar ghax il-konvenut ma kellux flus kif spjegat fid-dokument anness mal-affidavit esebit a fol. 17.

In segwitu l-konvenut kien qallu li kien ser jaghlaq il-hanut ghaliex kien waqa' lura fil-hlasijiet. Huwa tah cans sena sabiex ihallsu dak li kellu jaghtih  izda ghal xejn u kien ghalhekk li ntavola dan ir-rikors.

**Nikki Dimech** xehed fit-22 ta' Marzu 2012 fejn esebixxa VAT return ta' Oliver Zammit, liema VAT return giet sottomessa mid-dipartiment mill-ufficcju tieghu. Din hija datata 15 ta' Settembru 2007. Naturalment hemm il-*workings* ma' din il-VAT return, B, C u D rispettivament. Huwa esebixxa wkoll Income Tax Return ta' l-istess Oliver Zammit, li jirrelata ghas-sena 2005 sabiex juri t-tul taz-zmien li kien qed jikontriccinja lill-konvenut Oliver Zammit. Flimkien mad-dokument hemm xi dokumenti annessi li jgibu l-ittri F, G, H, I, J.  Huwa esebixxa wkoll il-*profit and loss account* li s-Sur Zammit kellu bzonn sabiex jotjenni *bank loan* u dan gie mmarkat bhala dokument K. Dokument M huwa kopja tas-*sanction letter* li hareg il-Bank of Valletta wara li x-xhud kien ghamel id-dokumentazzjoni relattiva, datata 29 ta' April 2008.

Huwa stqarr illi Dok. L hija l-ittra li pprecediet is-*sanction letter*, liema ittra giet mibghuta minnu lill-*bank manager* flimkien mal-*profit and loss account* tas-Sur Zammit, u sussegwentament hareg is-*sanction letter* relattiva. Dok. N hija ittra mibghuta minnu lill-kredituri tieghu Joseph Hili and Sons datata 28 ta' Novembru 2006 fejn jindika li kien hemm zmien meta x-xhud kien qed jiehu hsieb sabiex jigbor il-flus li huwa kellu jhallas lill-kredituri. Dok. O huwa risposta li x-xhud ircieva ghall-ittra tieghu Dok. L mibghuta lix-xhud minn dan il-kreditur Hili flimkien ma' c-cekkijiet li kien baghatlu. Minn dokument P1 sa' P7 huma cekkijiet li kienu gew mibghuta lilu lura peress li dawn ic-cekkijiet li kien baghat Oliver Zammit ma kienux gew imsarrfa. Id-

dokumenti Q, R u S huma tlett statements li huma waslu ghal xi bilanc li kien dovut lis-Sur Hili. Dawn gew mahduma minnu u s-sur Hili flimkien. Ix-xhud gharaf il-kitba tieghu fuq il-parti ta' wara ta' Dok. S. Dan kien wiehed mill-ezercizzju li l-kredituri tas-sur Zammit bdew jafdaw lilu sabiex jipprova jirranga l-affarijiet.

Ix-xhud esebixxa fotokopja tac-cekk li gie mmarkat bhala Dok. T liema cekk kien gie *referred to drawer* minghand Hili meta kienu bdew l-ezercizzju originali taghhom. Fis-sena elfejn u erbgha (2004) huwa kien jiehu hsieb kollox tas-Sur Zammit, *VAT returns, Income Tax Returns,* komunikazzjonijiet mal-kredituri u dan sabiex igiblu kollox *in line*. Huwa ha hsieb ukoll sabiex ikollu *re-financing*.

**L-attur Nikki Dimech** rega' xehed fit-18 ta' April 2012 fejn ghamel referenza ghall-affidavit tieghu li jinsab inserit fl-atti a fol 15 u b'mod partikolari ghal statement anness mieghu a fol 17 u qal illi huwa qed jesebixxi ghaxar invoices li huma msemmija fid-dokument a fol 17. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CSH u ghadda kopja tieghu lill-kontroparti. Huwa ghadda kopja wkoll tad-dokument li huwa kien esebixxa fis-seduta precedenti lill-kontroparti. Iddikjara li huma taw is-servizz lill-konvenut xahar b'xahar. Huwa spjega li l-VAT return tas-sena elfejn u tmienja ma dahlitx peress li l-konvenut ma kellux flus biex ihallas ghalkemm ix-xoghol u l-preparazzjoni taghha kien kollu lest.

**Roberta Cassar Aveta** xehdet ukoll fit-22 ta' Marzu 2012 fejn iddikjarat li hija tigi oht Nikki Dimech u tahdem mieghu. Fil-fatt hija segretarja fl-ufficcju tieghu. Ikkonfermat li Oliver Zammit kien klijent tal-ufficju taghhom. Kien hemm zmien meta huma kienu qed jiehdu hsieb il-kredituri tieghu u sahansitra hi wkoll kienet tiehu hsieb taghmel drafting ta' ftehim li kien isir mal-kredituri.

Hija stqarret li kienu ghamlu ftehim mal-konvenut li huwa kellu jhallashom *returning fee* kull xahar, u dan kien tal-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) plus VAT. Fil-bidu huwa kien ihallas b'mod regolari, pero' kien hemm xi zmien meta beda' jkollu l-problemi u waqa' lura fil-

pagamenti. In segwitu kienu bdew icemplulu, pero' kien hemm zmien meta ma kienx jirrispondi u ghalhekk meta rega' mar ghandhom fl-ahhar tas-sena, f'Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) u kien talabhom l-assistenza taghhom, huma kienu rrifjutaw peress li kien ghad kellu diversi kontijiet pendenti.

Mistoqsija liema kienet l-ahhar VAT return li hadmulu qalet li bl-amment ma tafx, pero' setghet tivverifika fl-ufficcju u taghti din ir-risposta fis-seduta li jmiss. Hija spjegat li l-ahhar sena li ghamlulu xoghol kien fis-sena elfejn u tmienja (2008). Hija ma kienetx f'posizzjoni li tghid ezattament x'tip ta' xoghol ghamlu fl-elfejn u tmienja (2008). Kull meta kellu bzonn xi haga rigwardanti finanzi kien imur l-ufficju taghhom, inkluz telefonati mal-bank manager.

**Roberta Cassar Aveta** regghet xehdet fit-18 ta' April 2012 fejn esebiet tliet dokumenti b'zieda max-xhieda li hija kienet tat fix-xhieda precedenti u dan b'referenza ghax-xoghol li sar fix-xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju tas-sena 2008. Dawn it-tlett dokumenti gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument RCV 123.

Rat l-affidavit ta' **Oliver Zammit** fejn permezz tieghu qal li fis-sena 2006 kien inkariga lis-Sur Nikki Dimech sabiex jipprovdilu s-servizzi tieghu ta' 'accountancy' ghall-finanzi tan-negozju tieghu bl-isem ta' Sweetie Corner li jinstab f'Pembroke.

Huwa spjega li x-xoghol ghas-sena 2006 sar billi mela' l-formola lid-Dipartiment tal-VAT (Dok A), mela' wkoll id-dokument dwar it-taxxa fuq id-dhul ghas-sena bazi 2005 (Dok B) u l-bolol tal-impjegati (Dok C) gew processati kif titlob il-ligi ghalkemm kellhom jithallsu xi penali fis-17 ta' Lulju 2006 u l-25 ta' Lulju 2006 ghas-sena 2005.

Iddikjara illi fis-sena 2007 il-bolol tal-impjegati gew processati kif titlob il-ligi sa' l-14 ta' Gunju 2007 (Dok C) u wara din id-data jidher li x-xoghol f'dan is-sens ma tkompliex. Ma hemm ebda dokumentazzjoni dwar is-

sitwazzjoni fejn tidhol it-taxxa fuq id-dhul, bid-dokument imsemmi hawn fuq ghas-sena 2005 ikun l-unika dokument f’dan is-sens kemm dam juza’ s-servizzi tas-sur Nikki Dimech. Tul din is-sena is-sur Nikki Dimech tah l-ahhar dokumentazzjoni ta’ accountancy li qatt ircieva minghandu fil-forma ta’ ‘*Transaction List by Supplier’* ghal April 2007 u rendikont tal-cash register tul ix-xahar ta’ April kif ukoll *‘Profit and Loss Account for the year ending 31st December 2007*’ ghalkemm l-accounts ghas-sena 2007 qatt ma gew prezentati. (Dok D, E u F)

Qal illi fis-sena 2008 ma sar ebda xoghol minn naha tas-sur Nikki Dimech tant li sofra penali min-naha tad-Dipartiment tal-VAT (Dok G) u penali min-naha tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Fil-fatt is-sitwazzjoni tal-VAT ghas-sena 2008 giet ratifikata biss fis-sena 2012 (Dok H).

Zied jghid li filwaqt li ghas-sena 2006 is-sur Nikki Dimech baghat l-invoices ghas-servizzi tieghu huwa naqas milli jaghmel dan ghas-sena 2007 u ghas-sena 2008 tant li l-karta dwar il-bilanc ghas-sena 2007 u l-invoices ghas-sena 2008 ix-xhud ma rciviehom qatt f’ebda perjodu tul ir-relazzjoni mas-sur Nikki Dimech u lanqas wara, hlief ghal meta s-sur Nikki Dimech pproceda legalment.

Tenna li f’Dicembru 2011 inkariga lis-sur Boris Xerri sabiex jipprovdilu s-servizzi ta’ accountancy u li dan ghamel ix-xoghol finanzjarju ghas-snin 2007 u 2008 liema xoghol kellu jsir mis-sur Nikki Dimech izda li kien baqa’ qatt ma sar.

Rat in-nota ta’ Oliver Zammit ipprezentata fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2012 fejn ipprezenta affidavit ta’ **Boris Xerri**. Huwa stqarr li Oliver Zammit f’Dicembru 2011 inkarigah biex jipprovdulu servizz ta’ *accountancy* ghall-finanzi tan-negozju tieghu bl-isem ta’ ‘Sweetie Corner’ li jinstab f’Pembroke. Huwa kellu jahdem l-accounts ta’ l-imsemmi negozju sa’ mis-sena 2007 l’hemm peress li ma kienx hemm accounts taghhom. Huwa kkonferma li hadem l-accounts tas-snin 2007 u 2008 fl-intier taghhom (Dok A u Dok B). Huwa stqarr li Oliver Zammit kien spjegalu li Nikki Dimech kellu jaghmel l-accounts ghas-snin 2007 u 2008 u

kien naqas milli jaghmel dan u li allura kien kostrett isib accountant gdid.

Rat illi fl-24 ta' Lulju 2012 ir-rikorrenti Nikki Dimechipprezenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2012 fejn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi sas-17 ta' Settembru 2012 tali notifika kienet ghadha ma saritx u konsegwentement il-Qorti qed tichad tali talba tar-rikors datat 24 ta' Lulju 2012 u ghalhekk sejra tipprocedi bil-prolazzjoni tas-sentenza.
Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-attur qed isostni li huwa ta servizz ta' accountancy lill-konvenut ghal perjodu ta' zmien u l-konvenut ma hallsux tas-servizz li nghata mill-attur. L-attur jipprezenta numru ta' dokumenti sabiex jissostanzja t-talba tieghu. Ma hemmx dubju kif stqarr l-istess attur fix-xhieda tieghu li huwa ta servizz lill-konvenut tul medda ta' zmien kif spjegat minnu u ma thallasx. Jirrizulta li huwa kien mlielu xi income tax returns kif esebiti fl-atti, kien sahansitra anke rrangalu ftehim mal-bank u dan fis-sena 2008 (vide sanction letter tal-bank Dok. M) sabiex huwa jkun jista jiehu overdraft bhala *working capital requirement* sabiex ihallas xi debituri tieghu, ihallas xi konsenja tal-bajd tal-Ghid li kien xtara u xi spejjez ohra. Jirrizulta li l-konvenut kellu problemi finanzjarji tant li sahansitra l-attur anke ipprezenta korrispondenza li huwa dahal fiha ghan-nom tal-konvenut ma' terzi persuni sabiex isir ftehim sabiex id-dejn tieghu jithallas fuq medda ta' zmien skond repayment programme. Dwar dan l-attur ipprezenta d-dokumenti O, P, Q, R u S. Jirrizulta minn ezami ta' dawn id-dokumenti li l-attur kien hadem sabiex jasal fi ftehim mad-debituri tal-konvenut sabiex jaccetta hlas mensilment. Jidher li minkejja dan kollu xorta l-konvenut kellu diffikulta' tant li anke c-cekk li suppost hallas lill-kreditur tieghu Hili & Sons nhar l-1 ta' Mejju 2007 kien gie mibghut lura lilu bil-kliem *refer to drawer*. Esebixxa kopja

tal-*Profit & Loss accounts* li huwa pprepara ghan-nom tal-konvenut tul numru ta' snin fuq liema xoghol inghatalu s-sanction letter mill-bank. Roberta Caasar Aveta oht l-attur li tahdem mieghu tikkonferma li sa l-ahhar tas-sena 2008 huma kienu jahdmu hafna ghall-konvenut u l-konvenut kien obbliga ruhu li jaghtihom retainer ta' Lm75 fix-xahar. Tghid li fil-bidu dan zamm kelmtu izda maz-zmien ma hallasx aktar. Ikkonfermat dak li qal il-konvenut li mill-ahhar tas-sena 2008 'l quddiem l-attur ma tahx aktar servizz u dan ghaliex ma kienx qed ihallsu aktar ghas-servizz li kien qed jinghata. Nhar it-18 ta' April 2008 l-attur ikkonferma li l-VAT return tal-konvenut ghas-sena 2008 ma dahlitx peress li l-konvenut ma halsux ghalkemm jghid li x-xoghol kien kollu lest (vide dok RSV 1). Jidher mid-dokument X li fis-sena 2007 huwa kien ipprezenta ukoll l-*FSS end of year document* tal-konvenut.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li ma kienx sodisfatt bis-servizz li nghata minghand l-attur tant li huwa kellu jingagga accountant iehor certu Boris Xerri sabiex ipprovdilu s-servizz ta' accountancy u dan ghas-snin 2007 u 2008 liema xoghol kellu jsir originarjament mill-attur.

**Konsiderazzjonijiet legali:**

Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

Il-kunflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi,

ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.
Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.

Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni. (vide '**George Bugeja vs Joseph Meilak'** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Imhallef Tonio Mallia).

Jigi mfakkar li fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili l-kreditu jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purche' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.

Kif tajjeb gie oservat fis-sentenza '**John Vella noe et vs Anthony sive Mario Anthony Vella',** deciza nhar it-3 ta' Dicembru 1999 mill-Qorti ta' l-Appell:

*"Una volta l-attur jallega is-somma minnu citata kienet u ghadha dovuta, l-oneru kien fuqu li jipprova li l-hlas ma sarx. L-appellanti isostnu illi una volta l-konvenut xehed li l-hlas sar u ta raguni valida fil-ligi ghaliex ma setax jipprezenta dokumentazzjoni ghall-hlas, dil–prova kellha tkun bizzejjed biex tinverti l-oneru tal-prova fuq l-attur*

*nomine. Dan l-aggravju hu guridikament insostenibbli. Dan ghaliex filwaqt illi l-appellanti jaccettaw u ma jistghux jaghmlu mod iehor illi principju bazilari illi l-oneru tal-prova jispetta lil min jallega, huma jonqsu li japprezzaw il massimu Latin illi l-prova 'incubit ei qui dicit non ei qui negat' li jfisser ukoll li mhux possibli illi issir il-prova negattiva ta' fatt li ma sehhx. Filwaqt li hu minnu illi x-xhieda tal-konvenut tikkostitwixxi prova daqskemm tikkonsititwixxi prova x-xhieda tal-attur, filwaqt li hu car illi wiehed jafferma illl ghandu jiehu filwaqt illi l-iehor jafferma li hallas dak li kien dovut, hu ovvju illi l-Qorti konfrontata b'dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet guramentati konstrastanti kienet tesigi minghand min kien obbligat li jipprova l-hlas prova ferm aktar sostanzjata minn dik tal-gurament tieghu. L-attur nomine ma kien jehtieglu xejn aktar hlief li jipprova dak illi fil-fatt ipprova u cioe il-ftehim l-ezekuzzjoni ta l-obbligazzjonijiet li kien jimporta minnu assunti u f'dan il-kaz il-konsenja tal-merkanzija ordnata skond l-istess ftehim. Pruvat dan l-oneru kollu tal-prova tal-hlas dovut kien ighaddi fuq debitur u kien jispetta lilu li jipprova b'mod univoku u konvincenti l-hlas minnu allegat."*

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut pero' qatt ma jghid li huwa hallas ghas-servizz li nghata izda jghid li ma nghatax servizz u kellu jingagga accountant iehor sabiex jirrapazza n-nuqqasijiet tal-attur. Fil-fatt ix-xhud Boris Xerri jghid li huwa kellu jipprezenta l-income tax returns tal-konvenut ghas-snin 2007 u 2008 u l-konvenut jghid li matul dawn is-sentejn l-attur ma tah l-ebda servizz u ghalhekk dak li qed jitlob ma kienx dovut.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha esebiti fl-atti u rat li skond ix-xhieda ta' l-attur u ta' ohtu liema xhieda ma gietx kontradetta l-konvenut kien ftiehem minnu li jhallsu s-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) fix-xahar bhala retainer ghax-xoghol li kien jaghmillu. Gara li fil-bidu l-konvenut kien ihallsu din is-somma izda wara xi zmien iffaccja problemi finanzjarji u waqaf milli jaghmel il-pagamenti dovuti. L-attur jistqarr li ghalkemm l-konvenut ma hallsux ghall-ewwel kompla jahdimlu u dan ghaliex kien jittamah li ser ihallsu u fil-fatt irrangalu over draft facility mal-Bank kif del reso jirrizulta minn qari tas-

*sanction letter* esebita, irrangalu ftehim ma’ xi kredituri tieghu kif kellu ihallas id-debitu tieghu mensilment, ippreparalu il-profit and loss tal-accounts tieghu u minkejja dan kollu xorta ma tah l-ebda pagament ghal dan is-servizz anzi kellu l-awdacita’ jghid li l-attur ma ghamillu l-ebda xoghol tul is-snin 2007 u 2008.

Il-Qorti temmen li kien l-accountant Boris Xerri li pprezenta ir-returns tal-konvenut ghas-snin 2007 u 2008 kif del resto jaqbel ukoll l-attur pero’ dan sar ghaliex ghalkemm l-attur lesta x-xoghol kollu kif jirrizulta mill-atti esebiti l-Qorti dan ma hallsux u ghalhekk l-attur irrifjuta li jipprezenta ir-returns u jahdem b’xejn.

Il-Qorti ezaminat il-kontijiet li pprezenta l-attur u jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut ma hallasx l-attur is-somma mitluba fir-rikors promotur mhux minhabba li x-xoghol li ghamel kien hazin jew li ma sarx, izda ghaliex il-konvenut kien ghaddej minn perjodu finanzjarju difficli u ma kellux minn fejn ihallas.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef, u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin centesmu (€5,083.68).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza u l-ispejjez tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju 400/2011 u tal-Ittra Ufficcjali Numru 384/2011 maghmula ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 jithallsu kollha mill-konvenut.**
**L-imghax fuq is-somma jibda jiddekorri mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------